

# Ir-Rabta ta' Għeruq il-Poplu mal-Kappelli ta' San Ġwann

Comm. Salvator Mousù

Stajt b'dan it-titolu ninkludi wkoll ir-rabta ambjentali imma peress li normalment b'ambjent nifhmu dak naturali u xogħol il-bniedem, l-aktar dak passat, ħassejt li l-għeruq ta' dawk li ġew qabilna, jiġifieri dawk profondament Kristjani kienu u għadhom, nispera, għalkemm ftit inemnmu. F'moħħi għandi l-*punto di vista* storiku u/jew soċjoloġiku li jirrigwarda l-ħsibijiet u kredenzi tal-abitanti sa minn żmien il-fondazzjoni tagħhom. Biex nispjega ruħi aħjar ser nipprova nsib ir-raġuni fondamentali tad-dediki oriġinali tagħhom u x'setgħet kienet il-konnessjoni tad-devozzjonijiet marbutin mal-konvinzjonijiet li nibtulhom f'qalbhom xewqat ta' gratitudni u turija ta' qima lejn il-Ħbieb Intimi tal-Ħallieq tagħna!

Forsi nidher li qed nikkomplika ħsibijieti imma ħalli mmorru – kif jgħidu – dritt għall-punt:



It-titolu, laqam jew isem li ngħata lil "***Mensija***" jindikalna mill-ewwel lokalità li kienet għal xi żmien u aktarx twil minsija u li ġiet skoperta wara żmien sew ta' satra. Imma forsi aktar minn hekk hawn nibdew niskopru wkoll li dan l-isem kien u għadu ddedikat lil-"***Lunzjata***". Dan ifisser u naraw li dawk kollha li setgħu ħolqu dan l-isem kellhom f''moħħhom naturalment id-devozzjoni kbira lejn il-Madonna. U hawn jidħol u jikber l-interess bil-għażla tal-avveniment partikolari meta l-Madonna kienet aċċettat li tkun Omm Gesù u allura kif bosta teoloġi jikkontendu – il-bidu tal-fidwa tagħna bħala bnedmin.

Jista' jkun li hawn wieħed jasal biex jispekula li l-grotta bħala post devozzjonali titbiegħed aktar lil hinn mill-Medjuevu. U jqarreb jekk mhux ukoll jasal sa żmien il-ħakma Għarbija ta' pajjiżna. Kien żmien meta dawk il-Maltin li baqgħu Insara, kienu, aktarx bil-moħbi, isibu xi post kenni u mistur biex ikomplu b'xi mod id-devozzjonijiet tagħhom. Meta ġiet il-fidwa mbagħad permezz tal-Konti Ruġġieru, ir-"*Rum*" – għax hekk kienu jsejħulhom l-Għarab lill-Insara Maltin – ħarġu mill-għerien u "***insew***" dak il-Għar.

Imma dil-biċċa tal-"Fidwa" aktar tevolvi ruħha meta nsibu li propju oriġinarjament id-dedika ta' dal-post qaddis kienet, weħidha jew akkumpanjata ma' dik ta' San Leonardu. U x'kien dan San Leonardu jekk mhux il-qaddis protettur tal-ilsiera? Jiġifieri l-qaddis li



kien jitħabat f'ħajtu għall-fidwa ta' dawk l-imsejkna li kienu waqgħu taħt il-madmad kiefer tal-iskjavitù u għaldaqstant wara mewtu l-Maltin kienu bi ħġarhom jirrikorru lejh biex bl-intervent divin tiegħu jipprovdi l-ħelsien jew fidwa lil dawk, speċjalment jekk kienu jkunu parti mill-familja, li sfaw imjassrin. Mela hawn naraw ir-relazzjoni intima tal-ħsieb tal-"Fidwa" tal-qaddis Leonardu ma' dak tal-Madonna.



Konnessjoni oħra interessanti ta' dan San Leonardu m'hawnhekk insibuha fid-drawwa folklorista meta fil-festa ta' dal-qaddis f'Novembru ta' kull sena jsir it "Tberik tal-Irjieħ", u dan għar-raġuni li San Leonardu kien ukoll jitqies bħala l-patrun tal-irjieħ (mhux dak influwenzali biex niftehmu!)

Illum aħna ma tantx nieħdu gost bl-irjieħ imma missirijietna kellhom aktar sens ta' rispett u fehma lejn il-forzi tan-natura fl-aspetti kollha tagħha u kienu jirraġunaw għax jafu li r-riħ hu ta' importanza primarja fil-perkors tal-ħajja u l-evoluzzjoni tan-natura. Jidhru strambi dawn il-koinċidenzi imma jekk hemm x'wieħed japprezza hu l-fatt li dawk ta' qabilna sa mill-ibgħad żminijiet kellhom ukoll ħsibijiet profondi daqs dawk tal-filosofi moderni li bosta minnhom jaħsbu li skoprew id-dinja u l-misteri tagħha llum!



U bħal li kieku dan ma kienx biżżejjed, tefa' ta' ġebla minn hawn, hekk kif iddur fil-bidu, jew tmiem, ta' Triq il Mensija kienet tinsab kappella dedikata lil Sant'Andrija. Din, li sa mitt sena ilu l-fdal tagħha kienu għadhom weqfin, nafu li kienet ilha hemm sa mill-Medjuevu tardiv, jiġifieri sa mis-seklu erbatax. Hawn nerġgħu nilmħu l-qedem tal-post kombinat ma' devozzjoni li l-għeruq tagħha huma Biżantini. Hawn ta' min ifakkar li fil-leġġenda popolari tas-sejbien tax-xbiha bil-lampa tixgħel quddiemha jissemma' l-bidwi li skopriha u li kien jismu wkoll Andrea. Mela naraw li hemm dil-konnessjoni intima, ngħidilha jien, bejn il-persunaġġ prinċipali tal-"ġrajja", il-kappella

ta' Sant'Andrija u l-Mensija.



Apparti minn dal-ħsieb ta' min jiftakar hawn li Sant'Andrija - qaddis patrun tas-sajjieda – kellu dil-kappella mibnija minn xi sajjieda li kienu jabitaw jew jiffrekwentaw dawn in-naħat, li minnhom jekk tibqa' nieżel mal-wied tiżbokka fil-baħar. Din kienet dedika ta' kappella lill-qaddis li minn hawn welled u firex ismu mal-"borġata" illum imdaqqsa ta' Saint Andrew's!

B'konklużjoni hawn nosservaw li jintrabtu flimkien il-koinċidenzi tas-Sajd, Baħar, Jasar u Tamiet ta' Fidwa li jiffurmaw bħal kuruna fil-qalba tagħha li tgħożż l-oriġini u l-ġrajja tal-Mensija.

Mhux wisq 'il bogħod minn hawn, qalb ġungla ta' miżerja arkitettonika sserraħ xi ftit l-ambjent viżwali l-kappella rustika ta' Santa Margerita. Lil hinn mill-viżwal iżda nittawlu xi ftit fuq għeruq oħra profondi tad-dedika relatata ma' twemmin u venerazzjoni ta' missirijietna li aktarx iwasslu wkoll sal-era Biżantina. Fil-fatt id-devozzjoni lejn dil-qaddisa twasslet f'pajjiżna qabel dik ta' Santa Luċija minkejja l-fatt li Siracusa tinsab ferm viċin lejna u dan jindikalna l-qedem tad-devozzjoni, aktar u aktar meta nsiru nafu li dil-qaddisa kienet meqjusa bħala l-protettriċi kontra l-mard tal-għajnejn. Meta mbagħad, kif tafu, daħlet dik ta' Santa Luċija, il-qaddisa per eċċellenza meqjusa bħala s-sokkorritriċi kontra l-mard tal-għajnejn, lil Santa Margerita żdiditilha dik tal-interċessjonarja għan-nisa fit-tqala u għal twelid feliċi. Dan kollu żgur li kien f'moħħ l-antenati tagħna meta tant sekli ilu riedu junuraw u jitolbu s-sokkors tal-qaddisa li isimha ġej minn ġawhra!



B'nota żgħira nagħlaq dwar l-għibien ta' diversi kappelli minn San Ġwann bħal dawk ta' San Bartilmew, Tal-Madonna (aktarx Lunzjata oħra) u Santa Elena u oħrajn li l-għeruq tagħhom kienu konnessi ma devozzjonijiet u twemmin sfieq popolari li jindikaw x'rabta profonda kien hemm bejn ħsibijiet il-poplu u l-binjiet li kienu bnew ad unur ta' dik jew dan il-qaddis b'fiduċja għamja li meta jiġu bżonnhom żgur li kienu ser jissokkorruhom.